13 ta' Novembru 2015
123/2015

**DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2016**

Ir-Regolamenti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2016-2017 ġew ippublikati fuq il-websajt **www.thechurchinmalta.org**.

B'kollox ser ikun hemm total ta' 1,557 postijiet vakanti. L-applikazzjonijiet ser isiru f'diversi skejjel tal-Knisja bejn Novembru u Frar. Min ser japplika għandu jieħu miegħu d-dokumenti meħtieġa u l-applikazzjoni timtela' dakinhar stess.  Lista tad-dokumenti meħtieġa, u l-ġranet meta wieħed għandu jmur japplika u fejn, huma mniżżla fir-Regolamenti. Dawk li ser japplikaw bħala 'każijiet serji' għandhom isegwu l-istruzzjonijiet imniżżla fir-Regolamenti tal-każijiet serji.

Il-proċess tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja.

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika 2016-2017 huwa kif ġej:

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet | Total Postijiet Vakanti |
|---|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 87 | 112 | 199 |
| It-tieni sena kindergarten | 127 | 303 | 430 |
| L-ewwel sena primarja | 380 | 244 | 624 |
| L-ewwel sena sekondarja | 262 | 42 | 304 |
| **TOTAL** | 856 | 701 | 1557 |

Mit-total ta' 1,557 xi postijiet ser jingħataw lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet serji li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet serji jinkludu dawk li għandhom jew li jista' jkollhom bżonn l-għajnuna ta' LSA, każijiet soċjali u tfal li huma jew il-ġenituri tagħhom qed ifittxu ażil. Il-każijiet serji jagħmlu applikazzjoni aktar dettaljata u jsegwu proċess paralleli għall-applikazzjonijiet l-oħra. L-applikazzjonijiet għall-każijiet serji ser jibdew f'Novembru u jkomplu f'Jannar.

Aktar dettalji dwar id-dħul ta' tfal fl-Iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika 2016-2017 jinkisbu mir-Regolamenti li jinsabu fuq il-websajt **www.thechurchinmalta.org**. Fuq l-istess sit wieħed jista' jsib ukoll il-proċeduri f'każ ta' ksur tar-Regolamenti li jistgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal involuti.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org